

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Novembru 2012

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (CAA)

(2013/1/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra il-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra⁽¹⁾ ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 1995.
- (2) L-Artikolu 47 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi għall-konklużjoni, fejn xieraq, ta' ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-valutazzjoni tal-konformità, u l-Artikolu 55 tal-Ftehim jipprovdi għall-użu tal-aqwa tentattivi għall-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Partijiet sabiex tkun iffakilitata l-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (3) Il-Protokoll tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (CAA) ("il-Protokoll") ġie ffirmat fisem l-Unjoni fis-6 ta' Mejju 2010.
- (4) Il-Protokoll għandu jiġi approvat.
- (5) Il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tiżgura r-rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni b'rabta mal-Protokoll, inkluż il-funzjonijiet ta' informazzjoni u ta' notifika, u li tgħaddi tweġibiet għal talbiet f'konformità mal-Annessi. Il-Protokoll ser jiġi implimentat abbażi tal-leġislażzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-akkreditazzjoni, is-sorveljanza tas-suq u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

- (6) Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tagħmel emendi tekniċi lill-Protokoll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (CAA), huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jittrasmetti, fisem l-Unjoni, in-nota diplomatika prevista fl-Artikolu 16 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova emendi skont l-Artikoli 7, 13 u 15 tal-Protokoll, wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(4) tat-Trattat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

⁽¹⁾ ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.